MALTA

# QORTI KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-18 ta' Frar, 2006

Numru 5754/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Chris Pullicino)**
**(Spettur Louise Calleja)**

**v.**

**Anthony Bugeja**
**u Piero di Bartolo**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' l-Avukat Generali minnu ppresentat fil-15 ta' Frar 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' Anthony Bugeja u Piero di Bartolo u minflok todrna r-riarrest taghhom mill-gdid fit-termini ta' l-Artikolu 475(4A) tal-Kodici Kriminali, u dan minhabba, skond ir-rikorrent, il-gravità tal-piena li talvolta tista' tinghata, minhabba li l-intimati "ghandhom rabtiet qawwija ma' barra minn Malta" u ghalhekk "jistghu facilment...jaharbu minn Malta fuq xi skuna tas-sajd", kif

ukoll peress li l-"house-arrest" ma hu arrest xejn u "persuna li tkun trid tahrab tista' taghmel hekk facilment sakemm ma tkunx effettivament detenuta";

Rat id-digriet preliminari taghha tal-15 ta' Frar 2006 li permezz tieghu din il-Qorti appuntat ir-rikors ghas-smigh nhal nhar il-Hamis 16 ta' Frar 2006;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-16 ta' Frar 2006; semghet ukoll bil-gurament lill-Ispettur Louise Calleja kif ukoll lis-Sur Stephen Falzon mid-Dipartiment tac-Cittadinanza u *Expatriate Affairs*;

Rat l-attijiet ta' l-istruttorja limitatament ghall-finijiet tat-talba odjerna; rat ukoll in-nota ta' Anthony Bugeja tas-17 ta' Frar 2006;

Ikkunsidrat:

1. L-intimati Bugeja u Bartolo jinsabu akkuzati b'omicidju volontarju, apparti xi akkuzi ohra. Huma tressqu hekk akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fit-23 ta' Ottubru 2005. Fl-udjenza tas-7 ta' Frar 2006 dik il-Qorti ikkoncediet il-helsien mill-arrest lit-tnejn li huma[1] taht diversi kundizzjonijiet (kif jidhru a fol. 384 tal-imsemmija attijiet), fosthom dik li kull wiehed minnhom jiddepozita s-somma ta' ghoxrin elf lira (Lm20,000) oltre garanzija personali ohra ta' ghoxrin elf lira (Lm20,000) kull wiehed; huma gew obbligati wkoll "li ma johorgux mid-dar ta' residenza taghhom ghal ebda raguni hlief biex jikkonsultaw l-avukati taghhom wara li jkunu infurmaw lill-pulizija" (kundizzjoni numru 8).

2. Skond l-Artikolu 575(1) tal-Kodici Kriminali, persuna mressqa b'arrest ghal delitt suggett ghall-piena ta' prigunerija ghal ghomru tista' tinghata l-helsien mill-arrest biss jekk, wara li l-Qorti tikkunsidra c-cirkostanzi kollha tal-kaz, in-natura u l-gravità tar-reat, il-karattru, antecedenti, assocjazzjonijiet u rabtiet taghha fil-komunità, kif ukoll kull

[1] Sad-data ta' l-udjenza tas-16 ta' Frar 2006, kien l-imputat Bugeja biss li kien uzufruwixxa minn dana l-beneficcju.

haga ohra li tkun tidher relevanti, hija tkun sodisfatta illi ma hemmx il-perikolu li dik il-persuna taghmel xi wahda mill-affarijiet elenkati fil-paragrafi (a) sa (e) tal-istess subartikolu. Effettivament dawn il-kunsiderazzjonijiet japplikaw ukoll – u logikament ma jistax ikun mod iehor – fil-kaz ta' kull persuna li tigi mressqa l-Qorti taht arrest, proprju sabiex il-Qorti tkun tista' tiddeciedi jekk l-imputat hux f'posizzjoni li jaghti "garanzija tajba" ghall-finijiet tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 574.

3. Il-procedura tar-rikors quddiem din il-Qorti, introdotta bl-Artikolu 140 ta' l-Att III tal-2002 – illum is-subartikolu (4A) tal-Artikolu 575 – ma kienitx certament intiza biex f'kull kaz ta' ghoti ta' helsien mill-arrest mill-Qorti tal-Magistrati, din il-Qorti (il-Qorti Kriminali) toqghod tirrevedi kollox biex tara jekk hi, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, kienitx kieku tikkoncedi dak il-helsien mill-arrest, u, f'kaz ta' risposta negattiva, tirrevoka dak il-helsien mill-arrest. Fil-fehma ta' din il-Qorti dik l-imsemmija procedura giet introdotta biex, jekk din il-Qorti taqbel ma' l-Avukat Generali li l-ewwel Qorti tkun ezercitat id-diskrezzjoni taghha b'mod evidentement zbaljat – sia jekk fuq bazi fattwali (ez. ma tkunx ikkunsidrat certi fatti) u sia jekk fuq bazi legali (ez. uzu hazin tal-garanzija personali) – allura tirrevoka l-beneficcju tal-helsien mill-arrest koncess mill-Qorti Inferjuri jew tvarja l-kundizzjonijiet li tahthom dak il-helsien mill-arrest ikun gie koncess. Fi kliem iehor, is-semplici fatt wahdu li din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li hija ma kienitx tikkoncedi l-helsien mill-arrest, jew li hija kienet kieku timponi kundizzjonijiet differenti minn dawk imposti mill-ewwel Qorti, m'ghandux iwassal necessarjament ghall-konsegwenza li din il-Qorti tirrevoka dak il-helsien mill-arrest jew tvarja dawk il-kundizzjonijiet. Wiehed ghandu neccessarjament jippresumi li l-Qorti Istruttorja tkun ghamlet ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha qabel ma tat il-helsien mill-arrest u qabel ma stabbiliet il-kundizzjonijiet tal-istess helsien. Parimenti, meta l-Qorti tal-Magistrati tirrifjuta li taghti l-helsien mill-arrest – u ghandha taghti r-ragunijiet ghal tali rifjut, Art. 575(11) – din il-Qorti, jekk ma tkunx tal-fehma li l-ewwel Qorti kienet manifestament zbaljata fir-rifjut taghha, m'ghandhiex tvarja tali decizjoni. Kieku kien mod iehor,

ikun ifisser li d-decizzjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati f'din il-materja ta' helsien mill-arrest jkunu kwazi ta' natura aleatorja.

4. Din il-Qorti taqbel ma' l-Avukat Generali li l-"house arrest" hija forma anomala hafna ta' "helsien mill-arrest". Fil-fatt jidher li wasal iz-zmien li din, li hi effettivament *praxis curiae*, cioè li persuna tinheles mill-arrest fis-sens li ma tibqax fil-kustodja tad-Direttur tal-Habs izda tinzamm "arrestata" id-dar taghha, tigi indirizzata legislattivament. Jibqa' l-fatt, però, li l-Qrati ta' Gustizzja Kriminali, u specjalment il-Qorti tal-Magistrati, jirrikorru ghal dan l-espedjent biex jippruvaw joholqu bilanc bejn id-dritt ta' l-imputat jew akkuzat ghal proceduri fi zmien ragjonevoli u l-presunzjoni ta' l-innocenza tieghu min-naha l-wahda, u d-dritt tas-socjetà li tipprotegi lilha nnifisha billi, fost affarijiet ohra, tassigura li l-proceduri gudizzjarji kontra tieghu jiehdu l-kors taghhom minghajr ma jkun hemm intralc da parti ta' l-istess imputat jew akkuzat.

5. Wara li din il-Qorti semghet lid-difensuri tal-partijiet kif ukoll ix-xhieda prodotti mir-rikorrent Avukat Generali, ma tarax li ghandha tiddisturba fis-sustanza d-decizjoni milhuqa mill-ewwel Qorti permezz tad-digriet taghha tas-7 ta' Frar 2006. Huwa veru li l-imputati – intimati odjerni – ghandhom, bhala sajjieda professjonali, rabtiet fis-sens ta' konoxxenzi, ma' nies barra minn Malta (l-Ispettur Calleja, fid-deposizzjoni taghha, issenjalat Sqallija u l-Libja) izda d-depozitu ta' ghoxrin elf lira kull wiehed, apparti l-"house arrest", ghandu jservi biex jimminimizza sal-punt li jgib fix-xejn il-perikoli ravvizati fil-paragrafi (a) sa (e) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 575. A propositu, din il-Qorti tissottolinea li depozitu ta' ghoxrin elf lira f'dan il-kaz huwa l-minimu li Qorti ghandha tirrikjedi, fis-sens li somma anqas tkun wahda manifestament inaccettabbli, anke tenut kont ta' l-Artikoli 576 u 584 tal-Kodici Kriminali. Apparti dan, kemm l-intimat Bugeja u kif ukoll l-intimat di Bartolo ghandhom rabtiet sodi bizzejjed fil-komunità hawn Malta (minkejja li di Bartolo ghandu cittadinanza Taljana).

6. Minkejja dan, din il-Qorti hi tal-fehma li ghandom jizdiedu wkoll kundizzjonijiet ohra ma' dawk imposti mill-

Qorti tal-Magistrati bid-digriet taghha tas-7 ta' Frar 2006, kundizzjonijiet li l-ewwel Qorti messha hadet hsiebhom mill-ewwel. Dawn huma s-segwenti:

i. li l-imputati jikkonsenjaw il-passaporti taghhom u kull "travel document" (inkluzi karti ta' l-identità) iehor li jista' jkollhom lill-Ispettur tal-Pulizija Louise Calleja;

ii. li jirrapurtaw darbtejn kulljum – bejn it-8.00am u t-8.15am, u bejn il-5.00pm u l-5.15pm – fil-Ghassa tal-Pulizija ta' fejn jirrisjedu (fil-kaz ta' Bugeja fil-Ghassa ta-Pulizija ta' Marsaxlokk u fil-kaz ta' di Bartolo fil-Ghassa tal-Pulizija ta' Birzebbuga), u ghal dana l-fini jkunu jistghu f'dawn il-hinijiet biss, imorru mir-residenza sal-Ghassa u lura;

iii. li meta jigu biex johorgu mir-residenza taghhom ghall-fini tal-kundizzjoni numru (8) tad-digriet tas-7 ta' Frar 2006 huma ghandhom jaghtu preavviz ta' mhux anqas minn siegha lill-Ispettur Louise Calleja jew lill-Ispettur Chris Pullicino, u jinfurmawhom bil-hin meta jkunu ser imorru ghand l-avukati taghhom, kemm bi hsiebhom idumu, u r-rotta li jkunu ser jiehdu b'mod li l-Pulizija jkunu jistghu, jekk iridu, jippedinawhom huma u sejrin ghand l-avukati taghhom kif ukoll huma u gejjin lura.

Ghall-motivi premessi, tirriforma d-digriet tas-7 ta' Frar 2006 bil-mod kif indikat fil-paragrafu 6 hawn fuq, u tordna li, jekk l-intimati ma jiffirmawx ghall-kundizzjonijiet addizjonali sa nhar it-Tnejn 20 ta' Frar 2006 f'nofs in-nhar huma ghandhom jitqiesu li kisru l-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest, b'mod li ghandhom jigu minnufih arrestati mill-Pulizija sakemm din il-Qorti tipprovdi mod iehor wara li tkun giet minnufih infurmata b'tali arrest mill-Avukat Generali.

Notifika immedjata ta' dan id-digriet lill-Avukat Generali, liz-zewg intimati u lill-Kummissarju tal-Pulizija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------